SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

12 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Regolament (KE) Nru°882/2004 – Artikolu 27 – Spezzjonijiet uffiċjali marbuta mal-għalf tal-annimali u mal-prodotti tal-ikel – Finanzjament – Tariffi jew taxxi dovuti għal spezzjonijiet uffiċjali – Possibbiltà għall-Istati Membri li jeżoneraw ċerti kategoriji ta' operaturi – Rati minimi ta' tariffi"

Fil-Kawżi magħquda C-199/18, C-200/18 u C-343/18,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjonijiet tal-14 ta' Diċembru 2017, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Marzu 2018, fil-proċeduri

Pollo del Campo S.c.a.,

AVI Coop Società Cooperativa Agricola (C-199/18),

C.A.F.A.R. – Società Agricola Cooperativa,

Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta (C-200/18)

vs

Regione Emilia-Romagna,

Azienda Unità Sanitaria Locale 104 di Modena,

A.U.S.L. Romagna (C-199/18 u C-200/18),

u

SAIGI Società Cooperativa Agricola a r.l.,

MA.GE.MA. Società Agricola Cooperativa,

vs

Regione Emilia-Romagna,

A.U.S.L. Romagna (C-343/18),

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn K. Jürimäe, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur) u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Pollo del Campo S.c.a., Avi Coop Società Cooperativa Agricola, minn M. Giustiniani, A. Gamberini, u M. Aldegheri, avvocati,

– għal C.A.F.A.R. – Società Agricola Cooperativa, minn M. Aldegheri, avvocatessa, sussegwentement minn A. Clarizia, avvocato,

– għal Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta, minn M. Giustiniani, A. Gamberini, u M. Aldegheri, avvocati,

– għal A.U.S.L. Romagna, minn A. Lolli, avvocato,

– għal Regione Emilia-Romagna, minn G. Puliatti u F. Senofonte, avvocati,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Moro u D. Bianchi, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jsiru konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3,Vol. 45, p. 200, rettifika fil-ĠU 2015, L 187, p. 91).

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn Pollo del Campo S.c.a. u Avi Coop Società Cooperativa Agricola (Kawża C-199/18), C.A.F.A.R. – Società Agricola Cooperativa u Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta (Kawża C-200/18), kif ukoll SAIGI Società Cooperativa Agricola a r.l. u MA.GE.MA. Società Agricola Cooperativa (Kawża C-343/18) u r-Regione Emilia-Romagna (ir-Reġjun ta' Emilia-Romagna, l-Italja) u l-Azienda Unità Sanitaria Locale 104 di Modena u A.U.S.L Romagna (l-Aġenzija Sanitarja Lokali 104 ta' Romagna, l-Italja), dwar deċiżjoni ta' dan ir-reġjun li jissuġġetta lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għall-ħlas ta' tariffa intiża li tkopri l-ispejjeż inkorsi mill-ispezzjonijiet veterinarji uffiċjali.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 89/662

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 9, p. 214), kif emendata bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 407 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/662"), jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet veterinarji ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma koperti mill-atti msemmija fl-Anness A, li huma intiżi għall-kummerċ, ma jitwettqux iktar fil-fruntieri, iżda konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

4 Dan l-Anness A jsemmi, fil-Kapitolu I tiegħu, id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 38, p. 124), kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 14).

Id-Direttiva 93/119/KE

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni ta' annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 15, p. 421) tistabbilixxi standards minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali fil-mument tat-tbiċċir jew tal-qatla tagħhom, sabiex jiġi żgurat żvilupp razzjonali tal-produzzjoni u tiġi ffaċilitata t-tlestija tas-suq intern tal-annimali u tal-prodotti mill-annimali.

Id-Direttiva 96/23/KE

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 19, p. 71, rettifika fil-ĠU 2015, L 184, p. 31), tistabbilixxi l-miżuri ta' spezzjoni dwar is-sustanzi u l-gruppi ta' residwi elenkati fl-Anness I tagħha.

7 Għal dan il-għan, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu II tagħha, intitolat "Pjanijiet ta' monitoraġġ għas-sejbien ta' residwi jew sustanzi", jipprevedi:

"Il-proċess ta' produzzjoni ta' l-annimali u l-prodotti primarji ta' oriġini mill-annimali għandu jkun hemm monitoraġġ tagħhom skond dan il-Kapitolu għall-iskop tas-sejbien tal-preżenza tar-residwi u s-sustanzi mniżżla fl-Anness I [tal-imsemmija direttiva] f'annimali ħajjin, fil-ħmieġ u fil-likwidi korporali u fit-tessuti tagħhom, fil-prodotti ta' l-annimali, fl-għalf ta' l-annimali u fl-ilma għax-xorb."

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002

8 Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, rettifika fil-ĠU 2014, L 327, p. 9), jipprovdi, fl-Artikolu 3 tiegħu, intitolat "Tifsiriet oħra":

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1) 'liġi dwar l-ikel' tfisser il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirregolaw l-ikel b'mod ġenerali, u s-sigurtà ta' l-ikel b'mod partikolari, sew f'livell tal-Komunità kemm f'dak nazzjonali; tkopri wkoll l-istadju tal-produzzjoni, ipproċessar u t-tqassim ta' l-ikel, kif ukoll l-għalf prodott għal, jew mitmugħ lill-annimali li jipproduċu l-ikel;

[...]

3) 'operatur ta' negozju ta' l-ikel' tfisser persuni naturali jew legali responsabbli li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa fin-negozju ta' l-ikel taħt il-kontroll tagħhom;

[...]

6) 'operatur ta' negozju fl-għalf' tfisser persuni naturali jew legali responsabbli li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel jiġu mħarsa fin-negozju fl-għalf taħt il-kontroll tagħhom."

Ir-Regolament Nru 853/2004

9 L-Anness III tar-Regolament Nru 853/2004 jinkludi grupp ta' rekwiżiti speċifiċi. B'mod partikolari, is-Sezzjoni 2 ta' dan l-Anness III tinkludi rekwiżiti applikabbli għal-laħam tat-tjur kif ukoll tal-lagomorfi u li jkopru, fost l-oħrajn, l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' qtugħ tal-laħam.

Ir-Regolament Nru 882/2004

10 Il-premessi 4, 6 u 32 tar-Regolament Nru 882/2004 jistabbilixxu:

"(4) Il-liġi tal-Komunità dwar l-għalf u l-ikel hija bbażata fuq il-prinċipju li l-operaturi fin-negozju ta' l-għalf u l-ikel fl-istadji kollha ta' produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni fin-negozji taħt il-kontroll tagħhom huma responsabbli biex jiżguraw li l-għalf u l-ikel jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa tal-liġi ta' l-għalf u l-ikel li huma relevanti għall-attivitajiet tagħhom.

[...]

(6) L-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġi dwar l-għaf u l-ikel, ir-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali u jimmonitorjaw u jivverifikaw li l-kondizzjonijiet meħtieġa relevanti tagħhom jitwettqu mill-operaturi tan-negozju fl-istadji kollha ta' produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni. Kontrolli uffiċjali għandhom ikunu organizzati għal dan il-għan.

[...]

(32) Għandhom ikunu disponibbli riżorsi finanzjarji adegwati biex jiġu organizzati kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu l-ħlasijiet jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż magħmula minħabba l-kontrolli uffiċjali. Fil-proċess, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jistabbilixxu l-ħlasijiet u

l-piżijiet bħala ammonti f'rata fissa bbażati fuq in-nefqiet magħmula u waqt li jingħata kont tas-sitwazzjoni speċifikat ta' l-istabbilimenti. Meta jiġu mposti l-ħlasijiet fuq l-operaturi, għandhom japplikaw prinċipji komuni. Huwa xieraq għalhekk li jiġu preskritti l-kriterji għall-iffissar tal-livell tal-ħlasjiet ta' spezzjoni. Fir-rigward ta' ħlasijiet applikabbli għall-kontrolli ta' importazzjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti direttament ir-rati għall-merkanzija prinċipali ta' importazzjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom u biex jiġi evitat tgħawwiġ fil-kummerċ."

11 It-Titolu I tar-Regolament Nru 882/2004, intitolat "Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u tifsiriet", jinkludi l-Artikolu 1, dwar is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni, li jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli ġenerali għat-twettieq ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità ma' regoli jimmira, b'mod partikolari, li:

a) jipprevjeni, jelimina jew inaqqas għal livelli aċċettabli riskji għall-bnedmin u l-annimali, jew direttament, jew permeżż ta' l-ambjent; [...]"

12 Il-punt 1 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-"kontroll uffiċjali" bħala "kull forma ta' kontroll li l-awtorità kompetenti jew [il-Komunità] twettaq għall-verifika tal-konformità mal-liġi dwar l-ikel, inklużi r-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali".

13 Intitolat "Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri", it-Titolu II tal-imsemmi regolament jinkludi Kapitolu I, dwar "Obbligi ġenerali". F'dan il-kapitolu, hemm l-Artikolu 3, li jirrigwarda l-"Obbligi ġenerali fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali", li jipprovdi:

"1. L-Istati membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu regolarment, fuq bażi tar-riskju u bil-frekwenza xierqa, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, [...]

[...]

3. Il-kontrolli uffiċjali għandhom jitwettqu f'xi wieħed mill-istadji ta' produzzjoni, proċessar jew distribuzzjoni ta' għalf jew ikel u ta' annimali u prodotti mill-annimali. Dawn għandhom jinkludu kontrolli fuq negozji ta' għalf u ikel, fuq l-użu ta' għalf u ikel, fuq il-ħażna ta' għalf u ikel, fuq kull proċess, materjal, sustanza, attività jew operazzjoni inkluż trasport applikat għall-għalf jew l-ikel u fuq annimali ħajjin, meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

[...]"

14 Taħt il-Kapitolu VI tal-imsemmi Titolu II, intitolat "Iffinanzjar ta' kontrolli uffiċjali", hemm inkluż l-Artikolu 26 li jesponi l-"Prinċipju ġenerali" kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli biex jipprovdu għall-impjegati meħtieġa u riżorsi oħra għall-kontrolli uffiċjali b'kull mezz ikun x'ikun kunsidrat xieraq, inkluż permezz ta' tassazzjoni ġenerali jew billi jiġu stabbiliti tariffi u piżijiet."

15 L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004, intitolat "Tariffi jew piżijiet", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali.

2. Iżda, fir-rigward ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Anness IV, taqsima A, u l-Anness V, taqsima A, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir ta' tariffa.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 6, it-tariffi miġbura fir-rigward ta' l-attivitajiet speċifiċi msemmija fl-Anness IV, taqsima A, u l-Anness V, taqsima A, għandhom ikunu aktar baxxi mir-rati minimi speċifikati fl-Anness IV, tasima B, u l-Anness V, taqsima B. Iżda, għal perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2008, fir-rigward ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Anness IV, taqsima A, u l-Anness V, taqsima A, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw ir-rati applikati fil-present skond id-Direttiva [tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 1985 fuq l-iffinanzjament ta' l-ispezzjonijiet tas-saħħa u l-kontroll fuq il-laħam frisk u tat-tjur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 6, p. 161)].

[...]

4. It-tariffi miġbura għall-għanijiet ta' kontrolli uffiċjali skond il-paragrafu 1 jew 2:

[...]

b) jistgħu jiġu ffisati f'rata fissa fuq il-bażi ta' l-ispejjeż magħmula mill-awtoritajiet kompetenti fuq perjodu ta' żmien partikolari jew, fejn japplika, fl-ammonti ffissati fl-Anness IV, tasima B jew fl-Anness V, taqsima B.

5. Fl-iffissar tat-tariffi, l-Istati Membri għandhom jagħtu kont:

a) tat-tip ta' negozju konċernat u l-fatturi relevanti ta' riskju;

b) l-interessi ta' negozji b'ammont ta' materjal proċessat baxx;

ċ) il-metodi tradizzjonali wżati għall-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni;

d) il-ħtiġiet tan-negozji li jinsabu f'reġjuni suġġetti għal limitazzjonijiet ġeografiċi partikolari.

6. Fejn, minħabba s-sistemi ta' verifiki proprji u traċċabilità implimentati minn-negozju fl-ikel u l-għalf kif ukoll fil-livell tal-konformità misjuba matul kontrolli uffiċjali, għal ċertu tip ta' għalf jew ikel jew attivitajiet, il-kontrolli uffiċjali għandhom jitwettqu bi frekwenza mnaqqsa jew biex jingħata kont tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 5(b) sa (d), l-Istati Membri jistgħu jiffissaw it-tariffa ta' kontroll uffiċjali taħt ir-rati minimi msemmija fil-paragrafu 4(b), kemm-il draba l-Istat Membru konċernat jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport li jispeċifika:

a) it-tip ta' għalf jew ikel jew attività konċernata;

b) il-kontrolli mwettqa fin-negozju ta' għalf u ikel konċernat;

ċ) il-metodu għall-kalkolu tat-tnaqqis fit-tariffa.

[...]"

16 L-Anness IV tar-Regolament Nru 882/2004 huwa intitolat "Attivitajiet u rati minimi għat-tariffi u l-piżijiet relatati ma' kontrolli uffiċjali b'relazzjoni ma' stabbilimenti tal-Komunità". It-Taqsima A ta' dan l-Anness IV tipprovdi:

"1. L-attivitajiet koperti bid-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE [tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 10, p. 138)], 93/119/KE u 96/23/KE li għalihom l-Istati Membri fil-present qed jiġbru tariffi skond id-Direttiva 85/73/KEE.

2. L-approvazzjoni ta' stabbilimenti ta' l-għalf."

17 It-Taqsima B ta' dan l-Anness IV tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jirċievu, għall-finijiet tal-ispezzjonijiet marbuta mal-lista ta' prodotti li huma elenkati f'din is-sezzjoni, ir-rati minimi ta' tariffi jew ta' taxxi li huma elenkati fl-imsemmija taqsima. Hemmhekk hemm ukoll stabbiliti, fost l-oħrajn, rati minimi ta' tariffi jew ta' taxxi applikabbli għall-ispezzjoni waqt il-qatla, bl-istess mod bħal rati minimi ta' tariffi jew ta' taxxi applikabbli għall-impjanti ta' tqattigħ.

18 L-Anness V tal-imsemmi regolament jirrigwarda l-"attivitajiet u rati minimi applikabbli għat-tariffi jew piżijiet relatati mal-kontrolli uffiċjali ta' merkanzija u annimali ħajjin introdotti fil-Komunità" u jipprovdi:

"L-attivitajiet koperti bid-Direttivi [tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 22, p. 247)] u 91/496/KEE [tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 58)] li għalihom l-Istati Membri huma fil-present jiġbru tariffi skond id-Direttiva 85/73/KEE."

19 It-Taqsima B ta' dan l-Anness V tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jirċievu, għall-finijiet tal-ispezzjonijiet uffiċjali marbuta mal-lista ta' prodotti li huma elenkati f'din is-sezzjoni, ir-rati minimi ta' tariffi jew ta' taxxi li huma elenkati fl-imsemmija taqsima.

Id-dritt Taljan

20 L-Artikolu 1 tad-decreto legislativo n. 194 – Disciplina delle modalità di rifinanziamento dei controlli sanitari ufficiali in attuazione del regolamento (CE) n. 882/2004 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 194, li jirregola l-modalitajiet ta' finanzjament tal-ispezzjonijiet sanitarji uffiċjali skont ir-Regolament Nru 882/2004 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 194/2008"), tad-19 ta' Novembru 2008 (GURI Nru 289, tal-11 ta' Diċembru 2008,) jiddelimita l-"kamp ta' applikazzjoni" ta' dan id-digriet leġiżlattiv kif ġej:

"1. Dan id-digriet jistabbilixxi l-modalitajiet ta' finanzjament tal-ispezzjonijiet sanitarji uffiċjali, irregolati bit-Titolu II tar-Regolament [Nru 882/2004], implimentati mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti tal-ikel u mad-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali.

2. Għall-finanzjament tal-ispezzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, għandhom jiġu applikati t-tariffi previsti fl-annessi ta' dan id-digriet, skont il-modalitajiet tal-Artikolu 2.

3. It-tariffi previsti f'dan id-digriet, li jissostitwixxu t-tariffi l-oħra kollha previsti għall-ispezzjonijiet sanitarji msemmija fil-paragrafu 1, huma r-responsabbiltà tal-operaturi tas-setturi kkonċernati mill-ispezzjonijiet fil-paragrafu 1 [...]".

21 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 194/2008 jesponi, fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness A tiegħu, l-ammonti tat-tariffi applikabbli għall-impjanti ta' qatla kif ukoll għall- ispezzjonijiet ta' impjanti ta' tqattigħ, li jikkorrispondu għal dawk li jinsabu fit-Taqsima B tal-Anness IV tar-Regolament Nru 882/2004.

22 Sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 882/2004 u sabiex jiġu evitati differenzi fit-trattament fit-territorju Taljan, il-legge n. 96 – Disposizioni per l'adempimento di obblighi derivanti dall'appartenenza dell'Italia alle Comunità europee – Legge comunitaria 2009 (il-Liġi Nru 96, dwar dispożizzjonijiet għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' obbligi li jirriżultaw mill-appartenenza tal-Italja

fil-Komunitajiet Ewropej – il-Liġi Komunitarja 2009), tal-4 ta' Ġunju 2010 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 146, tal-25 ta' Ġunju 2010), emendat l-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 194/2008, billi introduċiet paragrafu 3a li jipprovdi:

"L-imprendituri agrikoli huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-digriet għall-eżerċizzju tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 2135 tal-Kodiċi Ċivili."

23 L-Artikolu 2135 tal-codice civile (il-Kodiċi Ċivili) jipprevedi:

"'Imprenditur agrikolu' tfisser persuna li teżerċita waħda mill-attivitajiet segwenti: kultivazzjoni tal-art, forestrija, trobbija tal-annimali u attivitajiet konnessi.

'Kultivazzjoni tal-art, 'forestrija' u 'trobbija tal-annimali', ifissru l-attivitajiet intiżi għaż-żamma u għall-iżvilupp ta' ċiklu bijoloġiku jew ta' fażi neċessarja ta' dan iċ-ċiklu, ta' natura veġetali jew tal-annimali, li tuża jew li tista' tuża l-art, il-foresta jew l-ilmijiet ħelwin, salmastri jew marini.

'Attivitajiet konnessi' tfisser l-attivitajiet eżerċitati mill-imsemmi imprenditur agrikolu fid-dawl tal-manipulazzjoni, tal-konservazzjoni, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-valorizzazzjoni fir-rigward tal-prodotti miksuba essenzjalment mill-kultivazzjoni tal-art, mill-foresta jew mit-trobbija tal-annimali, kif ukoll l-attivitajiet intiżi sabiex jipprovdu beni jew servizzi permezz tal-użu ta' maġġoranza ta' tagħmir jew ta' riżorsi tal-impriża normalment użati għall-attività agrikola eżerċitata, inklużi l-attivitajiet ta' rkupru tat-territorju u tal-patrimonju rurali u forestali, jew ta' riċezzjoni u ta' ospitalità kif iddefiniti mil-liġi."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

24 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma impriżi agrikoli li joperaw fis-setturi tat-trobbija, tal-qatla u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' tjur.

25 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2011, il-Gvern Reġjonali ta' Emilia-Romagna ddeċieda li jissuġġetta lill-imprendituri agrikoli li jeżerċitaw, fost l-oħrajn, l-attivitajiet imsemmija fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness A ta' dan id-digriet, jiġifieri l-biċċeriji u l-impjanti ta' tqattigħ, għall-ħlas tat-tariffi previsti fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 194/2008.

26 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per l'Emilia-Romagna (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Emilia-Romagna, l-Italja) kontra din id-deċiżjoni u n-notifiki ta' ħlas konsekuttivi emessi fil-konfront tagħhom. Din tal-aħħar ċaħdet dan ir-rikors billi ddeċidiet, essenzjalment, li r-Regolament Nru 882/2004 ma kienx jawtorizza lill-Istati Membri jipprovdu derogi mill-obbligu ta' ħlas ta' tariffi veterinarji.

27 Sussegwentement, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja). Huma jsostnu, essenzjalment, fl-ewwel lok, li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tissuġġettax l-operaturi kollha tas-settur agrikolu, b'mod partikolari, l-"imprendituri agrikoli", fis-sens tal-Artikolu 2135 tal-Kodiċi Ċivili, għall-ħlas tat-tariffi relatati mal-ispezzjonijiet sanitarji uffiċjali. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sempliċement teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw il-ġbir ta' tariffa għal ċerti attivitajiet bħall-ispezzjoni tal-biċċeriji u l-kontroll tan-natura operattiva ta' impjanti ta' tqattigħ. L-Istati Membri huma liberi jorganizzaw il-finanzjament ta' dawn l-ispezzjonijiet skont il-modalitajiet li jitqiesu l-iktar xierqa.

28 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jiddikjaraw li l-eżenzjoni mill-ħlas tat-tariffi għandha wkoll tiġi estiża għall-imprendituri agrikoli li jeżerċitaw attivitajiet relatati mat-trobbija tal-annimali, bħall-manipulazzjoni, iż-żamma, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-prodotti miksuba prinċipalment mit-trobbija tal-annimali.

29 Adita f'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li jsir magħruf liema obbligi r-Regolament Nru 882/2004 jimponi fuq l-Istati Membri. Partikolarment, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jistaqsi, minn naħa, dwar jekk dan ir-regolament joffrix lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevedu eżenzjonijiet mill-obbligu li jħallsu tariffa relatata mal-ispezzjonijiet sanitarji uffiċjali.

30 Hija tistaqsi, min-naħa l-oħra, dwar id-delimitazzjoni eżatta tal-kategorija ta' imprendituri agrikoli li jistgħu jiġu eżentati mill-ħlas ta' din it-tariffa, fid-dawl tas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru 2016 mill-Corte di cassazione (il-Qorti ta' Kassazzjoni, l-Italja) li tqis il-kooperattivi ta' imprendituri agrikoli u l-assoċjazzjonijiet tagħhom bħala "imprendituri" fis-sens tal-Artikolu 2135 tal-Kodiċi Ċivili, meta huma jużaw għall-eżerċizzju tal-attivitajiet imsemmija f'dan l-artikolu, prodotti tas-soċji tagħhom jew meta jipprovdu lis-soċji tagħhom beni u servizzi għall-finijiet tal-manutenzjoni u tal-iżvilupp ta' ċiklu bijoloġiku.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 27 tar-Regolament [Nru 882/2004] li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-irkupru ta' taxxa inkonnessjoni mal-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jimponi l-obbligu tal-ħlas fuq l-imprendituri agrikoli kollha anki meta dawn "jeżerċitaw l-attivitajiet ta' qtil u tqattigħ ta' laħmijiet li jkunu aċċessorji u konnessi mal-attività ta' trobbija tal-annimali"?

2) Stat Membru jista' jeskludi mill-ħlasijiet tas-sanità ċerti kategoriji ta' impriżi meta dan ippreveda għal sistema ta' rkupru ta' taxxi li huwa adegwat sabiex tiġi żgurata b'mod globali l-kopertura tal-ispejjeż sostnuti għall-kontrolli uffiċjali jew li japplika tariffi inferjuri għal dawk previsti mir-Regolament 882/2004?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

32 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jimponu l-ħlas ta' tariffi relatati ma' spezzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V ta' dan ir-regolament ukoll fuq l-operaturi fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-għalf tal-annimali li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' tqattigħ tal-laħam fuq bażi anċillari għall-attività prinċipali tagħhom ta' trobbija.

33 Preliminarjament, mill-Artikolu 2(1) u mill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 882/2004, moqrija fid-dawl tal-premessi 4 u 6 ta' dan ir-regolament, jirriżulta li huma l-Istati Membri li għandhom iwettqu spezzjonijiet uffiċjali intiżi li jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf tal-annimali u l-prodotti tal-ikel tiġi osservata mill-operaturi tas-settur tal-ikel u tal-għalf tal-annimali fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni tal-għalf għall-annimali jew tal-prodotti tal-ikel u tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

34 Għalhekk, konformement mal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 882/2004, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli b'kull mezz meqjus xieraq, inkluż permezz ta' tassazzjoni ġenerali jew permezz tal-iffissar ta' tariffi u ta' taxxi, għad-dispożizzjoni ta' persunal u riżorsi oħra neċessarji għall-ispezzjonijiet uffiċjali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dan l-artikolu fis-sens li l-Istati Membri jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex ikollhom

ir-riżorsi finanzjarji xierqa għad-dispożizzjoni ta' persunal u ta' riżorsi oħra għall-ispezzjonijiet uffiċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Superfoz - Supermercados, C-519/16, EU:C:2017:601, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Min-naħa l-oħra, dan il-marġni ta' diskrezzjoni huwa ddelimitat mir-regoli armonizzati previsti fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004, meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimponu tariffi jew taxxi previsti f'dan l-artikolu fuq l-operaturi (sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Superfoz - Supermercados, C-519/16, EU:C:2017:601, punt 34).

36 F'dan ir-rigward, mill-kliem tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 jirriżulta li, filwaqt li l-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jimponu ħlasijiet jew taxxi sabiex ikopru l-ispejjeż inkorsi mill-ispezzjonijiet uffiċjali, il-paragrafu 2 tal-istess artikolu jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir ta' tariffa, u mhux ta' taxxa, sabiex jiġu koperti l-ispejjeż inkorsi mill-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V ta' dan ir-regolament.

37 Minn dan isegwi li mill-kliem ċar ta' dan l-Artikolu 27(2) tar-Regolament Nru 882/2004 jirriżulta, minn naħa, li l-Istati Membri huma obbligati jimponu tariffa sabiex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet imsemmija f'dawn l-annessi u, min-naħa l-oħra, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma identifikax espressament f'dan il-paragrafu l-persuna responsabbli għall-ħlas ta' din it-tariffa.

38 Għalhekk, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness IV tar-Regolament Nru 882/2004, għandu jiġi osservat li dan l-anness, mingħajr ma jelenka huwa stess l-attivitajiet ikkonċernati, jirreferi għall-attivitajiet previsti fid-Direttivi 89/662, 93/119 u 96/23, li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri diġà jirċievu tariffi skont id-Direttiva 85/73.

39 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, id-Direttiva 89/662 tipprovdi li l-ispezzjonijiet veterinarji li għandhom isiru fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum mill-bniedem koperti mill-Anness A tagħha għandhom jitwettqu fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-ħażna, tal-kummerċjalizzazzjoni u tat-trasferiment tal-imsemmija prodotti.

40 L-Anness A tal-imsemmija direttiva jirreferi, minn naħa, għad-Direttiva 2002/99, li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum uman u, min-naħa l-oħra, għar-Regolament Nru 853/2004, li jistabbilixxi r-regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali u li jippreċiża, partikolarment, fl-Anness III ta' dan ir-regolament, ir-regoli dwar it-tbiċċir u u t-tqattigħ tal-laħam tat-tjur.

41 It-tieni nett, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva 93/119 tapplika għall-attivitajiet ta' tbiċċir.

42 It-tielet nett, id-Direttiva 96/23 tistabbilixxi miżuri ta' kontroll fir-rigward tas-sustanzi msemmija fl-Anness I tagħha, u torganizza l-monitoraġġ tal-industrija tal-produzzjoni tal-annimali, tal-prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali kif ukoll tal-għalf f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti.

43 Minn dawn id-direttivi jirriżulta li dawn jeżiġu li l-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet fl-istadji kollha tas-settur ta' produzzjoni u tal-ipproċessar tal-annimali, tal-prodotti tagħhom kif ukoll tas-settur tal-produzzjoni tal-għalf tal-annimali. Minn dan isegwi li, peress li l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' tqattigħ tal-laħam jaqgħu taħt il-fażijiet tal-produzzjoni u tal-ipproċessar tal-annimali, dawn l-attivitajiet jissemmew fit-Taqsima A tal-Anness IV tar-Regolament Nru 882/2004. Konsegwentement, skont l-Artikolu 27(2) ta' dan ir-regolament, dawn l-attivitajiet għandhom ikunu s-suġġett ta' ħlas ta' tariffa obbligatorja sabiex jiġu ffinanzjati l-ispezzjonijiet uffiċjali.

44 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 27(2) tal-imsemmi regolament ma jidentifikax lill-persuna responsabbli għall-ħlas ta' din it-tariffa.

45 Madankollu, mill-Artikolu 27(8) tar-Regolament Nru 882/2004, moqri flimkien mal-premessi 4, 6 u 32 ta' dan ir-regolament, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimponi l-ħlas ta' din it-tariffa fuq l-operaturi fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-għalf tal-annimali.

46 F'dan ir-rigward, għalkemm ir-Regolament Nru 882/2004 ma jiddefinixxix dawn il-kunċetti ta' "operatur ta' negozju ta' l-ikel" u ta' "operatur ta' negozju fl-għalf", l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jirreferi għar-Regolament Nru 178/2002, li jinkludi r-regoli fundamentali tal-leġiżlazzjoni dwar l-għalf tal-annimali u l-prodotti tal-ikel, u li jiddefinixxi l-imsemmija kunċetti fl-Artikolu 3(3) u (6) tiegħu.

47 Konformement ma' dawn l-aħħar dispożizzjonijiet, operatur fis-settur tal-ikel jew jew operatur fis-settur tal-għalf tal-annimali huwa persuna fiżika jew ġuridika inkarigata li tiggarantixxi l-osservanza tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel fl-impriża tas-settur tal-għalf tal-annimali jew tas-settur tal-ikel li hija tispezzjona.

48 Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 178/2002, il-leġiżlazzjoni dwar l-ikel tinkludi l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha li jirregolaw il-prodotti tal-ikel inġenerali u s-sigurtà tagħhom b'mod partikolari, dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt nazzjonali, u tkopri l-fażijiet kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel kif ukoll tal-għalf għall-annimali.

49 Minn dan jirriżulta li kull persuna fiżika jew ġuridika li, fil-kuntest tal-attività tagħha, hija suġġetta għall-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni dwar l-ikel għandha tiġi kklassifikata bħala "operatur ta' negozju ta' l-ikel" jew "operatur ta' negozju fl-għalf".

50 F'dan il-kuntest, il-fatt li l-attività ta' tbiċċir u ta' tqattigħ tal-laħam hija eżerċitata b'mod anċillari għal attività prinċipali ta' trobbija huwa ċirkustanza irrilevanti.

51 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fl-ewwel lok, jekk l-imprenditur agrikolu jeżerċitax l-attivitajiet imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness IV tar-Regolament Nru 882/2004, bħat-tbiċċir u t-tqattigħ tal-laħam. Fl-affermattiv, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fit-tieni lok, jekk dan l-imprenditur agrikolu huwiex suġġett għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel b'mod li huwa jiġi kklassifikat bħala "operatur ta' negozju ta' l-ikel" jew "operatur ta' negozju fl-għalf", fis-sens tal-Artikolu 3(3) u (6) tar-Regolament Nru 178/2002, u jekk huwiex suġġett għall-ispezzjonijiet uffiċjali intiżi li jiġi vverifikat li huwa josserva din il-leġiżlazzjoni.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jimponu l-ħlas ta' tariffi marbuta ma' spezzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V ta' dan ir-regolament, ukoll fir-rigward ta' operaturi fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-għalf tal-annimali li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' tqattigħ ta' laħam fuq bażi anċillari għall-attività prinċipali tagħhom ta' trobbija.

Fuq it-tieni domanda

53 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lil Stat Membru japplika tariffi ta' ammont inferjuri għal dak tar-rati minimi previsti fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V tar-Regolament Nru 882/2004.

54 Qabelxejn, mill-kliem tal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Nru 882/2004, jirriżulta b'mod ċar li t-tariffi imposti fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V tar-Regolament Nru 882/2004 ma humiex inferjuri għar-rati minimi stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V ta' dan ir-regolament.

55 Sussegwentement, mit-Taqsima B ta' dawn l-Annessi IV u V jirriżulta li l-Istati Membri jirċievu, għall-finijiet ta' spezzjonijiet marbuta mal-lista ta' prodotti inklużi fihom, rati minimi ta' tariffi stabbiliti f'tali annessi.

56 La l-Artikolu 27(3) u lanqas it-Taqsima B tal-Annessi IV u V tar-Regolament Nru 882/2004 ma jipprevedu l-possibbiltà ta' deroga ġenerali u diskrezzjonali minn dawn ir-rati minimi meta l-Istat ikun għażel li jiffinanzja l-ispezzjonijiet uffiċjali permezz ta' sistema ta' tariffi fissi skont l-Artikolu 27(4)(b) ta' dan ir-regolament.

57 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn ir-rati minimi jikkostitwixxu livelli minimi li l-Istati Membri ma jistgħux, bħala prinċipju, jidderogaw minnhom (sentenza tas-7 ta' Lulju 2011, Rakvere Piim u Maag Piimatööstus, C-523/09, EU:C:2011:460, punti 22 u 27).

58 Fl-aħħar nett, din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-Artikolu 27(6) tar-Regolament Nru 882/2004, li jirregola l-unika deroga li permezz tagħha Stat Membru huwa awtorizzat jistabbilixxi, għal impriża partikolari, ammont ta' tariffa relatat mal-ispezzjoni uffiċjali għal livell inferjuri minn dak tar-rati minimi msemmija fit-Taqsima B tal-Annessi IV u V ta' dan ir-regolament. Madankollu, fid-dawl tal-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tistax, min-natura tagħha, taqa' taħt id-deroga msemmija f'dan l-Artikolu 27(6), peress li ma tirrigwardax is-sitwazzjoni ta' impriża partikolari, iżda hija ta' natura ġenerali.

59 Minn dan isegwi li l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Nru 882/2004 kif ukoll it-Taqsima B tal-Annessi IV u V ta' dan ir-regolament ma jħallu ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri li jippermettilhom jidderogaw, b'mod ġenerali u diskrezzjonali, mir-rati minimi stabbiliti fihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2011, Rakvere Piim u Maag Piimatööstus, C-523/09, EU:C:2011:460, punt 28).

60 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lil Stat Membru japplika rati ta' tariffi inferjuri għar-rati minimi previsti fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V tar-Regolament Nru 882/2004.

Fuq l-ispejjeż

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jimponu l-ħlas ta' tariffi marbuta ma' spezzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V ta' dan ir-regolament, ukoll**

fir-rigward ta' operaturi fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-għalf tal-annimali li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' tbiċċir u ta' tqattigħ ta' laħam fuq bażi anċillari għall-attività prinċipali tagħhom ta' trobbija.

2) **L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lil Stat Membru japplika rati ta' tariffi inferjuri għar-rati minimi previsti fit-Taqsima B tal-Anness IV u fit-Taqsima B tal-Anness V tar-Regolament Nru 882/2004.**

Firem